Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 272/2018: BORTEX CLOTHING INDUSTRY COMPANY LIMITED (C2371) V. TAYLOR AND LODGE (HUDDERSFIELD) LIMITED

(AMMONT DOVUT – DANNI – SPEJJEŻ EXTRA-ĠUDIZZJARJI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Bortex Clothing Trading Company Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2018,

wara li rat li fit-23 ta' Ottubru 2019 il-kumpanija rikorrenti nnotifikat lil Taylor and Lodge (Huddersfield) Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") b'din il-kawża tramite notifika mill-aġenzija riċeventi ai termini tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti), wara li ġiet awtorizzata tagħmel dan mill-Qorti fit-22 ta' Novembru 2018,[1]

wara li rat li fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020, Dr. Andrew Saliba għall-kumpanija rikorrenti ġie awtorizzat sabiex jikkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammont dovut lill-kumpanija rikorrenti huwa dak ta' ħmistax-il elf euro (€15,000),

wara li rat li fl-istess seduta l-kumpanija rikorrenti iddikjarat li m'għandiex aktar provi x'tipproduċi u l-Qorti ħalliet il-kawża għat-2 ta' Marzu 2020 għall-provi tal-kumpanija intimata',

[1] Fol 23

wara li rat li fit-2 ta' Marzu 2020 il-kumpanija intimata ma' dehritx u l-Qorti għalhekk iddiferiet il-kawża għas-sentenza,

wara li rat li fit-3 ta' Marzu 2020 il-kumpanija rikorrenti ppreżentat rikors sabiex il-Qorti tiffissa seduta li matulha l-kumpanija rikorrenti tkun tista' tippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata,

wara li rat li fit-12 ta' Ottubru 2020 il-Qorti approvat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata ppreżentata mill-kumpanija rikorrenti u ddiferiet il-kawża għas-subizzjoni għad-19 ta' Ottubru 2020,

wara li rat illi fid-19 ta' Ottubru 2020 il-kumpanija intimata baqgħet ma' dehrietx u l-Qorti pposponiet il-kawża għas-sentenza,

wara li rat id-digriet tagħha mogħti iktar tard fl-istess ġurnata, ċioe fid-19 ta' Ottubru 2020, meta l-Qorti qieset illi billi mill-proċess jidher illi l-kumpanija intimata hija assenti minn Malta u filfatt ġiet notifikata b'din il-kawża ai termini tar-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 u billi ai termini tal-Art. 711 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta "*ma tistax tintalab is-subizzjoni ta' persuna assenti minn Malta*", għaldaqstant il-Qorti rrevokat contrario imperio id-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2020, ċaħdet il-preżentata tal-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata u reġgħet fetħet il-provi mill-ġdid filwaqt li ssolleċitat lill-kumpanija rikorrenti u lill-kumpanija intimata sabiex jekk iħossu l-ħtieġa jressqu dawk il-provi kollha li jixtiequ li jressqu fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020 qabel ma' l-Qorti tgħaddi għas-sentenza,

wara li rat li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020 il-kumpanija rikorrenti ppreżentat nota b'affidavit ta' Stefanja Vassallo (*Director of Manufacturing Operations*) u għalqet il-provi tagħha, filwaqt li l-kumpanija intimata naqset milli tidher, biex b'hekk il-Qorti ddikjarat magħluqa l-istadju tal-provi u ħalliet il-kawża għas-sentenza,

wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob il-ħlas tas-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), ammont bonarjament ridott, għall-finijiet ta' kompetenza, mill-ammont totali ta' ħmistax-il elf ħames mija u tnejn u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,552.32), ekwivalenti għal tlettax-il elf ħames mija u tlieta u sebgħin Lira Sterlina u tnax-il penny (Stg. 13573.12) - jew kull ammont ieħor verjuri. Skond il-kumpanija rikorrenti, dan l-ammont jirrappreżenta danni sofferti minnha bħala riżultat ta' materjal, konsistenti f'rollijiet ta' drapp, mibjugħ u kkonsenjat lilha mill-kumpanija intimata, liema materjal irriżulta illi kien difettuż, kif debitament rikonoxxut mill-istess kumpanija intimata, tant illi l-uffiċjali ta' din tal-aħħar ripetutament indikaw illi ser jassumu r-responsabiltà' kollha għad-danni sofferti

bħala riżultat ta' dan in-nuqqas tagħhom. Il-kumpanija rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-konsulti u l-ittri legali mibgħuta fit-22 ta' Awwissu 2018 u fis-26 ta' Settembru 2018 rispettivament, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-kawża sad-data tal-ħlas effettiv.

2. Fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2020, Dr. Andrew Saliba għall-kumpanija rikorrenti kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammont dovut lill-kumpanija rikorrenti huwa dak ta’ ħmistax-il elf euro (€15,000).

3. Imbagħad permezz tal-affidavit tagħha maħluf fit-23 ta’ Ottubru 2020 u ppreżentat fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2020, Stefanja Vassallo (*Director of Manufacturing Operations* tal-kumpanija rikorrenti) xehdet f’iżjed dettal dwar l-ammont mitlub mill-kumpanija rikorrenti. Hija stqarret illi fl-2016 il-kumpanija rikorrent kienet ordnat u xtrat *fabric rolls* mingħand il-kumpanija intimata li kienu intiżi sabiex minnhom jimmanifatturaw *suits mix & match* ossia *blazers* u qliezet li jkunu parti minn *set* li iżda jinbiegħu separatament. Kopji tal-fatturi ġew esebiti bħala Dok A mal-istess affidavit. Jidher illi wara l-konsenja rriżulta li partijiet minn xi ftit minn dawn il-*fabric rolls* kellhom *shading differences*, *uneven finishes* u *uneven checks* u minħabba f’hekk il-kumpanija intimata skużat ruħha magħha u aċċerta li ħa tagħmel tajjeb għad-danni u spejjeż li l-kumpanija rikorrenti setgħet issofri f’każ li l-ħwejjeġ li eventwalment kellha timmanifattura minn dan il-materjal ma’ joħorġux tal-kwalità mistennija. F’dan ir-rigward ġiet esebita korrispondenza bħala Dok B mal-istess affidavit. Jidher illi meta rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti bagħtet *email* lil rappreżentant tal-kumpanija intimata fuq il-lamenteli fuq imsemmija, dan tal-aħħar wieġeb *inter alia* kif ġej permezz ta’ email datata 25 ta’ Mejju 2017:

*“... I suspect the shading issues are from the finishing process... please will you send a cutting showing the uneven checks? ... We keep reference cuttings of each piece sent so we will check these at our end for shade. I do know that the external finisher we used did cause us some shading problems due to heat setting issues in the finish process. I will discuss this with them. I will report back to you and again, I do apologise for these problems.”*

4. Skond l-istess xhud, sussegwentement il-kumpanija rikorrenti u dik intimata daħlu fi ftehim verbali fis-sens li minħabba obbligi kuntrattwali Ii kellha r-rikorrenti max-xerrejja tal-ħwejjeġ li kellha timmanifattura bil-*fabric rolls* in kwistjoni, l-partijiet qablu Ii dawn jintużaw xorta waħda u jinqatgħu b'mod Ii jistgħu jintużaw billi l-ħaddiema tal-kumpanija rikorrenti jippruvaw jqabblu l-materjal sabiex kull indument joħroġ bl-istess *shading*. Il-ħsieb kien illi jiġu minimizzati d-danni u

filwaqt li r-rikorrenti tagħmel użu mill-materjal kollu, il-kumpanija intimata tindennizza lir-rikorrenti f'każ li l-ħwejjeġ ma joħorġux *up to standard.*

5. Għalhekk bi qbil bejn il-partijiet, ir-rikorrenti mmanifatturat il-ħwejjeġ bil-*fabric rolls* kollha inkluż b'dawk li kellhom *shading differences*. Jidher li sfortunatament minn dawn il-ħwejjeġ li ġew manifatturati, mija u żewġt (102) ġlekkijiet u mija u ħamsin (150) qalziet ma ħarġux *up to standard* u ma setgħux jinbiegħu bil-prezz tas-suq iżda kellhom jinbiegħu bi prezz ridott. F'dan ir-rigward ix-xhud esebiet kopja ta' *debit notes* (Dok Ċ mal-affidavit) mibgħuta mill-kumpanija li xtrat il-ħwejjeġ, Charles Trywhitt Shirts Ltd, fis-somma totali ta' €16,287.54 wara li din tal-aħħar rrifjutat dawn l-indumenti. Minn din is-somma, r-rikorrent irkuprat is-somma ta' €735.22 wara li biegħet il-ħwejjeġ bi prezz ridott. Għaldaqstant dan kollu ssarraf f'telf lill-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħmistax-il elf ħames mija tnejn u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15.552.32) ekwivalenti dak iż-żmien għal £13,573.12.

6. Il-kumpanija rikorrenti għamlet diversi talbiet oħra lill-kumpanija intimata sabiex tħallasha d-danni iżda din baqgħet inadempjenti biex b'hekk kellha tinfetaħ il-kawża. Ir-rikorrenti ddeċidiet ukoll illi tirriduċi s-somma bonarjament għal ħmistax-il elf euro (€15,000) sabiex tkun tista' tippreżenta l-kawża quddiem din il-Qorti ta' kompetenza limitata.

7. Il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kumpanija intimata ġiet debitament notifikata fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni tagħha, ossia fl-Ingilterra. Madanakollu din baqgħet ma' dehritx għal dawn il-proċeduri u lanqas ma' bagħtet lil xi ħadd għan-nom tagħha u dan għalkemm kellha diversi okkażjonijiet sabiex tagħmel dan..

8. Hu prinċipju tal-liġi li l-*colpa* tal-inadempiment hija preżunta u dan *a sensu* tal-Artikolu 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (ġia Artikolu 831 tal-Ordinanza VII tal-1868) li jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet u jagħti dritt ta' azzjoni ta' danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spalltu. Ukoll b'mod ġenerali l-Artikolu 1135 tal-Kap. 16 jipprovdi illi d-danni jikkonfiguraw ruħhom fit-telf li l-kreditur ikun bata u l-qliegħ li jkun ġie mtellef. Imbagħad l-Artikolu 1136 tal-Kap. 16 jipprovdi li fin-nuqqas ta' għemil doluż min-naħa tad-debitur dan ikun obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni.

9. Wara li fliet id-dokumenti esebiti u x-xhieda msemmija l-Qorti tara li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom mis-sewwa u li s-somma mitluba minnha bħala danni hija waħda raġjonevoli u *di piu* hija somma li tirrappreżenta t-telf u l-qliegħ li batiet

minħabba l-inadempiment tal-obbligazzjonijiet relattivi min-naħa tal-kumpanija intimata.

10. Finalment u għal kull bwon fini l-Qorti tirrileva illi l-ispejjeż extra-ġudizzjarji mitluba mill-kumpanija intimata (ossia l-ispejjeż għal konsulti u għall-ittri legali tat-22 ta' Awwissu 2018 u tas-26 ta' Settembru 2018), liema spejjeż huma strettament parti mid-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti iżjed milli spejjeż soġġetti għall-ħruġ ta' taxxa skont tariffa legali, ma' ġewx ippruvati bil-mezzi li tagħti l-liġi (probabbilment għaliex l-ammont ta' danni mitluba kienu diġà sal-massimu tal-kompetenza tal-Qorti) u għalhekk ma' jistgħux jiġu milqugħa mill-Qorti.

**Deċiżjoni**

11. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrent kif ġej:**
    1. **Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) rappreżentanti danni sofferti minnha bħala riżultat ta' materjal mibjugħ u kkonsenjat lilha mill-kumpanija intimata li nzerta difettuż;**
    2. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet kif mitluba;**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji dawn jkunu a karigu tal-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur